**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 64/2018**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Alexander Bezzina**

Illum, 24 ta' Frar 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Alexander Bezzina, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 98670(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'Awwissu 2015 u fil-jiem u x-xhur ta' wara b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

(1) B'mezzi kontra l-Liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ b'qerq ta' aktar minn €5,000 għad-dannu ta' Land Owners Limited (C609) u/jew persuni oħra;
(2) Bi ħsara ta' ħaddieħor għamel xi qliegħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef Ewro;

(3) Kif ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, iffalsifika ċedola, polza, ordni jew dokument ieħor li meta jiġi ppreżentat, wieħed jista' jirċievi ħlas jew jieħu l-kunsinna ta' oġġett;
(4) Kif ukoll fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffirmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
(5) Kif ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, xjentement għamel uzu tal-istess att, kitba jew skrittura falza;
(6) Kif ukoll talli bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita' jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu innifsu u/jew fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu u/jew indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Lulju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 85, 167, 183, 184, 308, 309, 310(1)(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq nuqqas ta' provi ma sabitx lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames imputazzjonijiet u lliberatu minnhom filwaqt li sabitu ħati tas-sitt imputazzjoni kontra tiegħu u kkundanatu multa ta' elf ewro. *Inoltre*, ordnatlu ai termini tal-artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex fi żmien xahar mill-lum jagħti lura l-pussess tal-art in kwistjoni lis-sidien ta' Land Owners Limited u jekk il-ħati Alexander Bezzina jonqos milli jħares din l-ordni fiz-zmien hekk stabbilit, hu jkun ħati ta' reat u jeħel meta jinstab ħati ta' ammenda ta' mhux inqas minn €4.66 u mhux izjed minn €23.29 għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi zmien.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fit-3 ta' Awwissu 2022, fejn talab lil din l-Qorti timmodifika s-sentenza appellata tas-27 ta' Lulju 2022 u dan billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata kwantu sabet lil esponent ħati tal-*pretended right* taħt l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biss kif dedott u filwaqt li tilqa' l-aggravji tal-esponenti, tilliberah minn din l-akkuża kif dedotta u dan taħt dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel kwalunkwe konsiderazzjoni dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi mhux biss it-talba kontenuta fir-rikors tal-appell mhijiex redatta f'termini ċari, iżda saħansitra lanqas ma hu ċar jekk l-appellant huwiex qiegħed jitlob riforma biss fil-piena inflitta jew wkoll revoka tas-sejbien ta' ħtija għas-sitt u l-uniku imputazzjoni kif deċiż mill-Ewwel Qorti. Ibda biex l-appellant jitlob l-modifika tas-sentenza appellata *'billi titħassar u tirrevoka s-sentenza appellata kwantu sabet lil esponenti ħati tal-pretended right taht l-artikolu 377(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta biss kif dedott u filwaqt li tilqa' l-aggravji tal-esponenti, tilliberah minn din l-akkuża kif dedotta u dan taħt dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa u opportuni.'* Issa ma hemm ebda reat hekk imsejjaħ *pretended right* taħt l-artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali kif indikat fit-talba, billi dan l-artikolu tal-Liġi jitkellem fuq l-ordni li l-Qorti għandha is-setgħa li tagħmel kontra l-persuna misjuba ħatja ta' reat biex dan ineħħi inkonvenjent. Ukoll il-Qorti lanqas ma tista' tifhem x'direttivi "xierqa u opportuni" qegħdin jintalbu li jingħataw f'każ ta' liberatorja. Illi mbagħad minn qari tal-preambolu għall-ewwel aggravju l-appellant igħid hekk:

> *"Illi dan l-appell qed ikun limitat biss għal dak li jikkonċerna l-multa ta' elf ewro (€1000) kif ukoll l-ordni ta' żgumbrament fi żmien xahar mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti."*

Illi minn din il-frażi l-appellant donnu jagħti x' wieħed jifhem illi qed jappella biss mill-piena erogata mill-Ewwel Qorti, iżda imbagħad wara din id-dikjarazzjoni jgħaddi biex jelenka serje ta' tlett aggravji li jikkonċernaw il-mertu u li allura jattakkaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta sabitu ħati tas-sitt imputazzjoni.

Illi ċertament dan mhuwiex il-mod kif għandu ikun redatt rikors tal-appell u għalkemm illum bl-emendi introdotti fil-liġi[1] l-Qorti ma tistax issib nullita' fl-istess, madanakollu ir-rekwiżiti stabbiliti fl-artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali għandhom ikunu mfissra b'mod ċar sabiex mhux biss il-Qorti, iżda ukoll il-parti avversarja, jkunu jistgħu jifhmu fuq xhiex huwa imsejjes l-ilment dirett lejn is-sentenza appellata u dak li qed jkun mitlub minn min ikun qed iressaq it-talba ghal reviżjoni.

Dan magħdud, billi mill-korp tar-rikors tal-appell jidher illi qed tintalab reviżjoni limitatament ta' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant kien misjub ħati tas-sitt imputazzjoni, liema aggravji jidher li jikkonċernaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, l-Qorti ser tgħaddi biex tqies it-talba tal-appellant f'dawn il-parametri u mhux ser tillimita ruħha għal piena erogata minkejja d-diċitura neboluża adoperata fir-rikors tal-appell.

**Ikkunsidrat**:

Illi l-appellant kien mixli bil-kummissjoni ta' diversi reati b'mod ewlieni dawk tal-frodi u falsifikazzjoni li minnhom ġie illiberat mill-Ewwel Qorti. Jidher ukoll mill-atti illi b'mod parallel ma' dawn il-proċeduri penali kienu mnehdija proċeduri ċivili fuq il-vertenza pendenti bejn l-imputat u s-soċjeta Land Owners Limited, is-sidien tal-art okkupata mill-appellant, kif jirriżulta mill-atti tar-rikors ġuramentat 953/2015 ippreżentati fl-atti ta' din il-kawża. Din il-vertenza pendenti bejn il-partijiet giet determinata permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Novembru 2017 fil-kawza fl-ismijiet "*Land Owners Limited vs Alexander Bezzina magħruf bħala Bezzina Wettinger*", minn liema sentenza kien intavolat appell u dan kif jirriżulta mid-Dokument YTB1 u YTB2. Issa l-Qorti ħadet avviż ġudizzjarju ukoll tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Mejju 2021 fejn l-appell intavolat mill-imputat Alexander Bezzina kien miċħud u dik il-Qorti iddikjarat illi huwa kien qed jokkupa l-art proprjeta' tal-parti offiża b'mod abbużiv u mingħajr ebda titolu, u kien ordnat li jiżgombra mill-istess fi żmien xahar. Jidher għal xi raġuni madanakollu illi l-appellant għadu sal-lum jokkupa dina l-art taħt dak li jidhirlu

[1] Att 1 tal-2018

huwa titolu ta' kera, meta llum hemm sentenza tal-qorti li iddikjarat illi t-titolu minnu vantat ma jeżistix.

Issa l-indaġini li għandha ssir f'dan il-proċess penali madanakollu ma hijiex daqstant il-kwistjoni dwar jekk l-appellant għandux jedd jokkupa l-art fil-Magħtab mertu ta' dawn il-proċeduri u dawk ċivili, izda biss irid jkun determinat jekk l-appellant, b'xi azzjoni tiegħu biddilx l-*istatus quo ante* fit-termini ta'l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali meta bil-pretensjoni ta' dritt ħa l-liġi b'idejh minflok irrikorra lejn l-awtoritajiet ġudizzjarji sabiex jiġi investigat jekk huwa għandux dan id-dritt minnu pretiż.

Illi jidher illi l-art mertu ta' dawn il-proċeduri ilha okkupata mill-appellant għal żmien twil u dan wara li s-sidien tagħha ċertu Francis Bezzina Wettinger, iz-ziju tal-appellant, u ix-Chev. John Parnis Englad kienu ikkonċedew l-istess art lil missier l-appellant Albert Bezzina Wettinger u dan b'mera tolleranza. Din l-art kienet giet akkwistata mis-socjeta` Land Owners Limited rapprezentata minn Francis Bezzina Wettinger u mix-Chev. John Parnis England permezz ta' kuntratt datat 27 ta' Jannar 1967. L-appellant kien jutilizza dina l-art bħala *shooting range*. Hu jisħaq illi dan kien jagħmlu taħt titolu ta' kera bir-riċevuti jinħarġu minn Francis Bezzina Wettinger. Issa mir-rapport tal-espert kalligrafu nominat mill-Qorti, Joseph Mallia, kien stabbilit illi l-firma li tidher fuq dawn ir-riċevuti kienet waħda falza, iżda mixli bil-falsifikazzjoni ta'l-istess u/jew bl-użu xjenti ta' dawn id-dokumenti foloż, l-appellant jiġi liberat minn dawn l-imputazzjonijiet mill-Ewwel Qorti. Madanakollu dik il-Qorti għaddiet imbagħad biex issib ħtija għar-reat taħt l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali għaliex kienet tal-fehma illi ġaldarba l-appellant ma kienx igawdi minn titolu ta' kera, stante illi r-riċevuti kienu foloz, u ukoll stante illi b'ittra mibgħuta mill-legali tiegħu stess lis-sidien huwa kien aċċetta li kien qed jokkupa l-art b'mera tolleranza, messu żgombra mill-istess hekk kif kien interpellat mis-sidien biex jagħmel dan. U allura bil-fatt waħdu illi huwa irrifjuta li joħroġ mill-art okkupata minnu mingħajr ebda titolu, fil-fehma tal-Ewwel Qorti, jirriżultaw l-elementi meħtieġa sabiex jissussisti r-reat tal-hekk imsejjaħ *raggion fattasi*.

Illi madanakollu l-ewwel u qabel kollox sabiex jissussisti r-reat imfassal fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali jrid jkun hemm dak l-att spoljattiv li permezz tieghu l-awtur jfixkel jew jiddisturba l-użu, tgawdija jew pussess tal-parti leża u allura iċaqlaq l-*istatus quo* u dan billi jippretendi li għandu xi jedd skont il-liġi. Dan il-ħsieb huwa rifless b'mod car fis-sentenza '***Il-Pulizija vs Anthony Micallef***' deciza minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, fejn inghad:

> **"Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun - ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili - izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali."**

Illi ġie ukoll stabbilit fil-ġurisprudenza kopjuża in materja illi:

1. r-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun ġja kellu[2].
2. Illi, għar-rigward tal-kwistjoni tat-titolu u tal-pussess, jidher ċar mid-diċitura tal-liġi illi min jikkometti r-reat ta' raggion fattasi ma jistax jiġi skużat minħabba l-fatt li hu għandu titolu fuq l-oġġett jew fuq il-propjeta li qed jippretendi d-dritt fuqha. Ir-reat jista' jissusisti anke meta l-vittma tar-reat tkun tgawdi minn sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett kif ukoll sempliċiment meta persuna jkollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-ħaġa jew il-propjeta' u li hi ma tkunx tista tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni ta' min ikommetta r-reat.[3]

[2] Pulizija vs Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn Pulizija vs Mario Bezzina, deċiża millQorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Michael Lungaro, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003u Pulizija vs Eileen Said deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 ta' Ġunju 2002.

[3] Il-Pulizija vs Joseph Vassallo Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22.3.1991.,

3. Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddieħor per eżempju.

Iżda apparti dawn l-elementi determinanti għalbiex jissussisti r-reat, dak li l-ewwel irid jiġi determinat huwa l-att materjal illi permezz tiegħu l-awtur tar-reat neċessarjament irid b'att pożittiv u kontra l-liġi jiddisturba jew ifixxkel it-tgawdija tal-proprjeta' mill-vittma, tant hu hekk illi ġie ripetut kemm il-darba illi l-għan wara din id-disposizzjoni tal-liġi hija l-protezzjoni tal-*istatus quo ante* li neċessarjament ifisser illi l-att materjali jrid ikun tali li jfixkel jew ixejjen din il-posizzjoni ta' fatt u dan b'mod arbitrarju minflok ma ikun hemm rikors lejn l-awtorita' pubblika. Fuq kollox, irid ikun hemm l-att spoljattiv li jitkellem dwaru l-artikolu 85 bir-reat intiż sabiex "jipprevjeni li wieħed, flok ma jirrikorri għall-proċedura skont il-liġi (ċivili), jieħu l-liġi b'idejh". Illi, fid-dawl tas-suesposti prinċipji, din il-Qorti tqis kif minn interpretazzjoni tal-lokuzzjoni adoperata fl-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali joħroġ biċ-ċar li dak li l-Liġi qiegħda tirreprimi huma serje ta' azzjonijiet - bħalma huma t-tfixkil fil-pussess ta' ħwejjeġ xi ħadd, il-ħatt ta' bini, il-ksur tal-imxija tal-ilma, l-att fejn persuna tiġi mġiegħla tħallas dejn, fost oħrajn - li fin-natura tagħhom jikkonsistu f'att wieħed pożittiv b'effetti li jistgħu jestendu matul iż-żmien.

Issa minn eżami tal-atti jidher inkonfutabbilment illi dan l-element huwa nieqes u ċioe' l-appellant ma kkometta ebda att spoljattiv li ċaqlaq l-*istatus quo ante* billi fl-istess *status quo* jikkonfigura huwa stess bħala l-persuna li kien jokkupa l-art f' tal-Magħtab, bis-sidien allura iridu iċaqalqu dan l-*istatus quo,* kif *del resto* kellhom kull dritt illi jagħmlu, tant illi irrikorrew lejn il-forum kompetenti, u ċioe' lejn il-qrati ċivili, sabiex jiksbu dak li, fil-fehma tagħhom, kien jappartjeni lilhom. Illum il-qrati ċivili tawhom raġun u dan meta kien deċiż illi l-appellant qiegħed jokkupa l-art mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u għalhekk kien ordnat jiżgombra mill-istess. F'dan ix-xenarju madanakollu, kuntrarjament għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti, ma jikkonkorrux l-elementi meħtieġa sabiex jissussisti r-reat taħt l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali. Imwarrba l-kwistjoni dwar il-falzita' o meno tar-riċevuti tal-kera vantati

mill-appellant u dwar jekk l-appellant kienx l-awtur ta' dan il-falz, il-kwistjoni rimanenti dwar l-validita' tat-titolu vantat tappartjeni unikament lil qrati ċivili u mhux lil din il-qorti fil-kompetenza penali tagħha. Dan id-dibattitu ġuridiku llum huwa mitmum u dan bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili li ddeċidiet li l-appellant ma għandu ebda titolu fuq l-art, kif ingħad, u allura għandu jiżgombra mill-istess kif ordnat bis-sentenza tas-27 ta' Mejju 2021. Illi f'dan ix-xenarju għalhekk il-Qorti ma tistax taqbel mal-Ewwel Qorti illi jikkonkorru l-elementi ta' dritt meħtieġa biex jissussisti ir-reat li dwaru l-appellant kien mijsub ħati.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant kien illiberat mill-ewwel ħames imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, tirrevokaha fejn huwa kien misjub ħati tas-sitt imputazzjoni u tgħaddi biex tilliberah minnha u minn kull ħtija u piena.

**Edwina Grima**
**Imħallef**